# Lectio Divina

Tlugħ is-sema tal-Mulej (A)

Mt 28, 16-20

**F'dak iż-żmien, il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija**

Il-Galilija hu l-post fejn Ġesù jibda l-ministeru tiegħu wara l-arrest tal-Battista (cf. *Mt* 4,12). Huwa l-post fejn *isejjaħ l-ewwel dixxipli* (cf. *Mt* 4,18-22) u fejn iwiegħed li ser jiġbor lid-dixxipli tiegħu wara l-qawmien mill-imwiet (cf. *Mt* 26,32). Filwaqt li fl-Atti tal-Appostli ta' Luqa, Ġesù ma jħallix lid-dixxipli tiegħu joħorġu minn Ġerusalemm (cf. *Atti* 1,4), fil-vanġelu skont San Mattew, Ġesù jordnalhom biex «jitilqu lejn il-Galilija» (*Mt* 28,10). F'Mattew, l-evanġelizzazzjoni tibda fil-«Galilija tal-ġnus» (*Mt* 4,15) biex ifisser il-ftuħ tas-salvazzjoni mil-Lhud għall-pagani.

**u marru fuq il-muntanja fejn kien ordnalhom Ġesù**

Fl-Iskrittura l-muntanja hija l-post fejn iseħħ l-ewwel Patt ta' Alla mal-Poplu l-Magħżul (cf. *Eż* 19-24), fejn Mosè jirċievi t-twavel tal-Liġi (cf. *Eż* 34,1-35). Il-«muntanja tal-Mulej» hija l-post fejn il-profeta Elija jaħrab biex isib mill-ġdid is-sens tal-missjoni li Alla afdalu (cf. *1Slat* 19,1-18). Huwa fuq «muntanja għolja» li sseħħ it-trasfigurazzjoni ta' Ġesù, fejn jidhru Mosè u Elija u jintwera li huwa tabilħaqq il-Messija mwiegħed (cf. *Mt* 17,1-8).

**Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw.**

L-ewwel Insara kienu qed isibuha bi tqila biex jemmnu fil-qawmien ta' Kristu mill-mewt. Għalhekk l-evanġelisti jinsistu fuq il-fatt li kien hemm min kien dubjuż (cf. *Mk* 16,11.13.14; *Lq* 24,11.21.25.36.41; *Ġw* 20,25). Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet kibret bil-mod il-mod sa ma' saret l-akbar ċertezza tal-Insara (cf. *1Kor* 15,3-34). Jekk id-dixxipli jgħix id-dubju tiegħu bħala *karba* biex il-Mulej iqawwi l-fidi dgħajfa tiegħu, allura l-esperjenza tal-kriżi fil-fidi ssir *opportunità* biex wieħed iħalli l-Ispirtu ta' Alla jnaġġru, jippurfikah biex jasal għal twemmin aktar profond.

**Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: «Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art.**

Ġesù ġie mogħti din is-setgħa mingħand il-Missier («ngħatat» *passivum divinum*). Hija s-setgħa tal-Mulej tal-istorja (cf. *Apok* 22,13) li jegħleb lill-Ħażin (cf. *Apok* 21,1-9) u jaqbad il-Bhima u l-profeta qarrieq (cf. *Apok* 19,20). Huwa dak li jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin u li s-Saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem. Id-dixxiplu għandu sehem minn din is-setgħa li jirċievi l-Iben jekk jilqa' mingħand il-«il-Missier tal-glorja [...] spirtu tal-għerf u rivelazzjoni» sabiex jagħraf «x'inhu l-kobor bla qjies tas-setgħa tiegħu fina li emminna, skond il-ħila tal-qawwa kbira tiegħu, li ħaddem fi Kristu, meta qajjmu mill-imwiet u qiegħdu fil-lemin tiegħu fis-smewwiet» (*Efes* 1,19-20).

**Morru, mela,**

Id-dixxiplu huwa msejjaħ biex *imur*, biex *joħroġ minnu nnifsu*. Il-Vanġelu "dejjem għandu d-dinamika tal-eżodu u tad-don, li wieħed joħroġ minnu nnifsu, li jimxi u jiżra' dejjem mill-ġdid, fi mkejjen dejjem ġodda" (*Evangelii gaudium*, 21). Huwa meta d-dixxiplu ma jibqax ifittex lilu nnifsu, l-interessi tiegħu; meta ma jibqax ossessjonat fuq x'jaqbel lilu u x'inhu l-aktar komdu għalih, li jibda jgħix il-ħajja tajba tal-Vanġelu billi jfittex il-ġid ta' kulħadd u jinfetaħ, jingħata b'imħabba għalihom.  Dan trid tkun il-komunità Nisranija, mhux biss dik li tħares id-depożitu duttrinali imma dik li "fuq kollox toħroġ minna nnifisha: tevanġelizza, tisma', taqdi, tagħti l-ħajja, tfakkar u tagħmel preżenti l-imħabba ħanina ta' Alla, li ssuqna 'l quddiem" (Víctor Manuel Fernández).

**agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha,**

Id-dixxiplu huwa dak li għandu relazzjoni ħajja mal-Imgħallem tiegħu. Huwa dak li jimxi fuq il-passi tal-Imgħallem tiegħu għax jieħdu bħala eżempju (cf. *Ġw* 13,13-15). Id-dixxipli ma jistax jagħmel dixxipli jekk mhux billi hu stess ma jieqaf qatt jimxi wara Kristu. Minbarra dan, id-dixxiplu huwa dak li jissieħeb f'dak kollu li jġarrab l-Imgħallem għax «ma hemmx dixxiplu aqwa mill-Imgħallem» (*Mt* 10,24). Min jimxi wara Kristu jrid iżomm sħiħ miegħu fit-tiġrib (*Lq* 22,28) u fil-persekuzzjonijiet: «Ftakru fil-kelma li għedtilkom: il-qaddej m'huwiex akbar minn sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll; jekk ħarsu l-kelma tiegħi, għad iħarsu tagħkom ukoll.» (*Ġw* 15,20). Id-dixxiplu jrid ikun lest jieħu s-salib u jmut miegħu (cf. *Mk* 8,34-35). Fi kliem ieħor, id-dixxiplu jagħmel dixxipli jekk ikollu fih l-istess ħajja ta'

Kristu, jekk bħal l-Appostlu jistqarr: «Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija.» (*Gal* 2,20). Id-dixxipli ma jqiegħedx it-tama tiegħu fih innifsu u ma jibnix il-ħidma apostolika tiegħu fuq il-qawwa tiegħu, imma għax jistqarr li Kristu hu l-Mulej, joffri min dak li hu stess irċieva minn Alla ("noffru lis-sebħ tiegħek bla tarf, *mill-ġid li inti stess tajtna* [*offerimus de tuis donis ac datis*] KANONE RUMAN). Id-dixxiplu jikber fix-xebh tiegħu ma' Kristu permezz tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar ġo fih: "U biex aħna ngħixu *mhux aktar għalina nfusna, imma għalih, li miet u rxoxta għalina*, mingħandek Missier, fuq dawk li emmnu, [Ibnek il-Waħdieni] bagħat, bħala l-*aqwa don*, l-Ispirtu s-Santu, biex itemm fid-dinja l-ħidma tiegħu u jagħti l-milja tal-qdusija" (TALBA EWKARISTIKA IV).

**u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu**

Id-dixxiplu huwa dak li ġie mgħammed f'isem it-Trinità hekk li l-ħajja Trinitarja hija l-għajn, it-tmiem u t-triq tiegħu. Id-dixxiplu huma *mdaħħal* fit-Trinità (« εἰς τὸ ὄνομα»): "It says: *"eis to onoma*", that is, an immersion in the name of the Trinity, a being inserted in the name of the Trinity, an interpenetration of being in God and of our being, a being immersed in God the Trinity, Father, Son and Holy Spirit; just as it is in marriage, for example. Two people become one flesh, they become a new and unique reality with a new and unique name. [...] The living are alive because they are in our memory, in God's life. And this happens to us in being baptized: we come to be inserted in the name of God, so that we belong to this name and his name becomes our name and we too, **with our witness can be witnesses of God, a sign of who this God is, a name of this God**. Consequently, being baptized means being united to God; in a unique, new existence we belong to God, we are immersed in God himself. Thinking of this, we can immediately see several consequences. The first is that God is no longer very distant from us, he is not a reality to dispute — whether he exists or not — but we are in God and God is in us. The priority, the centrality of God in our life is a first consequence of Baptism [...] A second consequence of what I have said is that *we do not make ourselves Christian* [...] And this fact of being in the passive, of not making ourselves Christian but of being made Christian by God, already to some extent involves the mystery of the Cross: only by dying to my selfishness, by coming out of myself, can I be Christian. A third element which opens up immediately in this vision is that naturally, being immersed in God *I am of course united to my brothers and sisters*, because all the others are in God and if

I am taken out of my isolation, if Iam immersed in God, I am immersed in communion with the others.” (Benedittu XVI, Diskors, 11 ta’ Ġunju 2012).

**u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien.**

Għan-Nisrani, Ġesù huwa l-Liġi l-Ġdida ta’ Alla li tiġi mxandra minn fuq il-quċċata tal-muntanja. Ġesù huwa l-Mosè il-ġdid, u għalina kelmtu hija kmand: «Isimgħu lilu» (*Mt* 17,15). L-Ispirtu li jibgħat ifakkar lid-dixxipli dak kollu li għallimhom (cf. *Ġw* 14,26; 16,13).

**U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.»**

Fl-Iskrittura spiss insibu li l-bniedem mibgħut minn Alla jitlaq għall-missjoni tiegħu b’ċertezza waħda: dik li Alla *ser ikun miegħu* (cf. *Eż* 3,12; *Mħ* 6,16; *Ġer* 1,8). Hija l-istess ċertezza li rċeviet Marija mingħand l-anġlu: «Il-Mulej miegħek» (*Lq* 1,28). Ġesù nnifsu huwa l-konferma ta’ din iċ-ċertezza għaliex hu l-«Għamminu-el, Alla magħna» (*Mt* 1,23). Hu ser ikun mad-dixxipli tiegħu sal-aħħar taż-żmien għaliex tiegħu huma ż-żminijiet u s-setgħat, hu l-Bidu u t-Tmiem (cf. *Apok* 1,17). Din iċ-ċertezza twassal lid-dixxiplu biex iqawwi l-fidi tiegħu fi Kristu, jinbena fit-tama u jitkebbes bl-imħabba u bl-għotja tiegħu nnifsu sabiex il-Bxara t-Tajba li hija Kristu ssir magħrufa lill-bnedmin sa ma jerġa’ jiġi. Imqawwi minn din iċ-ċertezza, id-dixxiplu ma jibqax iċċassat lejn is-sema imma b’ħarstu lejn ħutu l-bnedmin jiltaqa’ ma’ Kristu fil-proxxmu tiegħu huwa u jistennieh jerġa’ jiġi fil-glorja kif rawh sejjer il-ħdax-il dixxiplu: «Rġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.» (*Atti* 1,11).